

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Novembru – Diċembru 2003* Nru 135



## Messaġġ għall-Milied *minn*
## Monsinjur Ġużeppi Farrugia
Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

Dawn huma l-jiem li fihom inħarsu lejn il-miġja ta' sena ġdida. Kull sena ġdida, bħal kull jum ġdid, iġġib magħha l-opportunita' li nġeddu l-ħajja tagħna, li nagħmlu passi ġodda fil-pellegrinaġġ tagħna f'din id-dinja, li nersqu xi ftit aktar lejn is-sema pajjiżna. Madankollu, dan ma nistgħux nagħmluh mingħajr l-għajnuna tal-grazzja tal-Mulej Ġesù li jinsab fostna.

Qegħdin fis-Sena Ċentinarja Ġorġjana, sena li riesqa lejn tmiemha biex taghti postha għal sena oħra li m'għandhiex tkun inqas "Ġorġjana". Wara kollox, it-talb li għamilna matul is-sena 2003, it-taghlim li ngħatalna u l-festi li ċċelebrajna kellhom l-għan mhux biss li jfakkru l-imgħoddi ta' 1700 mill-martirju glorjuż ta' San Ġorġ, imma wkoll li jipprojettawna fil-ġejjieni bħala Nsara li japprezzaw aktar l-importanza tat-talb u l-interċessjoni ta' San Ġorġ, li jagħrfu aktar lilhom infushom fid-dawl tax-xhieda dejjiema tiegħu u li jgħixu aktar il-misteru ta' Kristu kif għexu hu, il-Patrun u l-Protettur tagħna. Ħa' jkun San Ġorġ, u jibqa' dejjem, l-għelm tat-tiġdid tagħna fil-Fidi Nisranija!

Il-Mulej Ġesù, li tiegħu San Ġorġ mhux għajr ix-xhud li ħabbu b'fedelta' sat-tixrid tad-demm, issa se jerġa' jiġi bil-grazzja ġdida tiegħu fil-liturġija tal-Milied. Se jidher fostna fis-sura ta' tarbija biex ifakkarna fiż-żogħrija tagħna. Se jidher fostna fis-sura ta' l-umanita' dgħajfa biex ifakkarna fid-debolizza u l-faqar tagħna. Se jidher fostna fis-sura ta' offerta mqiegħda f'maxtura biex ifakkarna fil-bżonn li għandna tal-fidwa li ġab miegħu għalina, u biex ifakkarna wkoll fis-sejħa li għandna li aħna wkoll insiru "offerta" lil Alla għall-ġid ta' xulxin. Anki f'dan, San Ġorġ għandu jkun l-għelm, is-simbolu u l-eżemplar għalina, u għajnuna għat-tiġdid kostanti tal-ħajja Nisranija taħgna.

Għalhekk, waqt li ninsabu ħerġin minn din is-sena tant sabiħa li għexna, flimkien ma' tant ħutna Nsara Għawdxin u Maltin, ma' niesna emigranti li ġew fostna mill-boghod, u ma' tant mistiedna minn pajjiżi ġirien u mbiegħda, ejjew inħarsu lejn il-ġejjieni li Alla se joffrielna bis-sena 2004.

Ejjew inħarsu lejn dan il-ġejjieni bit-tama "Ġorġjana" li madul is-sena l-ġdida nersqu aktar lejn is-sema pajjiżna billi mmiddu passi ġodda ta' Fidi u billi nilqgħu l-opportunajiet ta' grazzja li dan il-ġejjieni se jġib miegħu. Nittamaw li dawn l-opportunatijiet ta' grazzja jkollhom xi ftit mis-sura festiva li jġibu magħhom il-festi konklużivi taċ-Ċentinarju Ġorġana 2003 li se jkollna f'April li ġej. Imma nawgura li dawn l-opportunitajiet ta' grazzja nagħrfuhom u nilqgħuhom ta' kuljum, u l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni dejjem aħjar tal-Ħadd li, aktar minn kulll jum ieħor, hu Jum il-Mulej, u b'mod speċjail fil-festi l-kbar ta' Kristu li jiġu matul is-sena liturġika.

Żmien l-Avvent, li fih ninsabu, u żmien il-Milied, li ġej, iġibu magħhom l-ewwel fost dawn il-festi kbar ta' Kristu.

Nagħti ix-xewqat tal-Parroċċa ta' San Ġorġ lill-Insara kollha ta' din il-Belt u b'mod speċjail lilkom kollha li tgħoddu rwieħkom membri tal-Komunita' Nisranija Ġorġjana, hu fejn hu l-indirizz ta' djarkom.

Naċċerta mit-talb tal-Parroċċa lill-morda u lil dawk kollha li huma f'xi stat ta' tbatija fil-ġisem jew fir-ruħ, u b'mod speċjali lill-familji li jinsabu għaddejjin minn diffikultajiet fl-għaqda u fl-imħabba ta' bejniethom.

Inġedded is-sentimenti ta' ħajr u rikonoxxenza tal-Parroċċa lill-benefatturi għeżież tagħha.

Għalhekk nixteqilkom Milied qaddis u Sena Ġdida mimlija bil-ġid u l-paċi tal-Mulej.



# Il-Milied u s-Sena t-Tajba



# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI**

05.10.03: SOPHIA ANN, bint Franco Borg u Catherine nee' Camilleri
25.10.03: LUC, bint David Galea u Romina nee' Grech
15.11.03: AVERYL, bint Mario Formosa u Marianne nee' Sagona
23.11.03: KRISTINA MARIE, bint George Scerri u Angela nee' Cassar
29.11.03: DUNCAN, iben Mario Farrugia u Lena nee' Cini
30.11.03: CHRISTINE, bint Alfred Zammit u Rose Mary nee' Rapa

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

22.11.03: Silvio Valletta u Dr. Justyne Caruana M.P.

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

01.12.03: Ġanni Aquilina

***Donozzjonijiet għar-Rivista*** Emanuel Zammit: 150 Aus$



### *INSELLMU...*

lil Mro. **ANGELO PACE** L.(Mus) L.C.M. mill-Gudja li ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar it-Tlieta 26 t'Awissu 2003 fl-eta' ta' 83 sena. Mro. Pace għamel żmien Direttur tal-Banda Cittadina 'La Stella' u fil-fatt kien Surmast-Direttur tal-banda tagħna bejn l-1957 u l-1958.

Il-Bord Editorjali ta' din ir-Rivista jixtieq iwassal il-kondoljanzi tiegħu lil martu u lil uliedu. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

### ŻEWĠ SEMINARISTI ĠODDA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

F'Ottubru li għaddha, iż-żewġ żgħażagħ tagħna **Francesco Pio Attard** u **Simon Cachia** ġew milqugħa fis-Seminarju ta' l-Isqof biex jibdew il-formazzjoni tagħhom għas-saċerdozju. Kif kien qal l-Arċipriet f'din l-okkażjoni sabieħa, permezz ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ li qed jagħtu ruħhom aktar mill-qrib lil Kristu, il-Parroċċa tagħna għandha għax trod ħajr lil Alla li sejħilhom u lill-familji ġenerużi tagħhom li nkoraġġewhom fit-tweġiba tagħhom għas-sejħa t'Alla. Il-Parroċċa thoss ukoll ir-responsabilita' li titlob għalihom ħalli x-xitla qaddisa li Alla ħawwel fihom, tikber, issir siġra b'saħħitha, twarrad u trod frott kotran. Nawguraw kull ġid lil dawn iż-żewġ żgħażagħ u nwiegħduhom l-appoġġ u t-talb tagħna.

# Editorjal

## LEJN TMIEM IS-SENA

Fi ftit ġranet oħra tiġi fi tmiemha s-sena 2003 li ser tħallielna tifkiriet mill-isbaħ taċ-ċelebrazzjonijiet li għamilna fl-okkażjoni tas-17-il Ċentinarju mill-Martirju tal-Patrun ta' beltna u ta' gżiritna San Ġorġ. Kemm f'April u kemm f'Lulju kellna festi li għamlulna unur. Festi li taw xhieda ta' l-imħabba li għandna lejn San Ġorġ. Aħna nawguraw li dak kollu li sar biex niċċelebraw dan iċ-ċentinarju jsaħħaħna fil-fidi u jseddaq fina dik l-imħabba lejn San Ġorġ li wrejna matul din is-sena. Il-festi ċentinarji ma kienux biss festi kbar popolari, imma festi bi skop li jagħmlu mill-komunita' parrokkjali tagħna komunita' verament nisranija awtentika għaż-żminijiet ta' llum.

F'dawn il-jiem qed noqorbu wkoll biex niċċelebraw it-tifkira tat-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Hija ħasra li dawn il-ġranet, bil-festi li jġibu magħhom, ġew ikkommeċjalizzati bil-bosta u qed jintilef il-veru sens spiritwali tagħhom. Bilkemm laħaq beda l-Avvent li ma bdejniex naraw tiżjin fuq tiżjin, offerti ta' bejgħ, appelli biex jinxtraw l-isbaħ rigali, filwaqt li ninsew dan iż-żmien ta' thejjija w iktar u iktar il-qofol tal-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Jalla fil-ftit ġranet li fadal qabel niċċelebraw din il-festa għażiża nagħmlu l-għalmu tagħna kollu biex verament niġġeddu fina nfusna, biex fil-Milied imqaddes nilqgħu b'għożża ikbar lill-Iben t'Alla magħmul bniedem għalina.

## IT-TEATRU ASTRA

Ma nistgħux ma nesprimux id-dispjaċir tagħna għall-inċident ta' ħruq li kien hemm fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 8 ta' Novembru 2003. Saret ħsara konsiderevoli li tlaħħaq eluf kbar ta' liri. Is-Soċjeta "La Stella" li tant hija marbuta mal-Bażilika tagħna, matul il-medda tas-snin, ħadmet bla waqfien sa mill- biex organiżżat il-festi ta' barra fil-Parroċċa tagħna. Huwa dmir tagħna issa, bħala Komunita' Parrokkjali li għandha rabta dejjiema mas-Soċjeta' "La Stella" li ngħinu kemm nistgħu biex il-ħsara li ġarrab it-Teatru tagħha tissewwa fl-iqsar żmien possibbli biex ikollna ċans nibqgħu ngawdu l-attivitajiet kulturali, mużikali u ta' divertiment li dejjem offra dan it-Teatru matul dawn l-aħħar 35 sena. Aħna konvinti li ser ikunu bosta dawk li joffru donazzjonijiet jew inkella xogħol b'xejn biex kollox jerġa' lura għan-normal. Wieħed mir-rigali fil-lista ta' kull wieħed u waħda minnha għandha tkun donazzjoni lis-Soċjeta' "La Stella".

**IL-FESTI TAJBA LIL KULĦADD**

# Restawr wara l-ħruq fit-Teatru Astra

Kienet aħbar li xxokkjat lil ħafna nies dik li t-Teatru Astra kien ħa n-nar nhar is-Sibt, 8 ta' Novembru 2003. Kienu ħafna dawk li rħew dak li kellhom f'idejhom dak il-ħin u ġrew lejn it-teatru. Wara l-ewwel reazzjoni konfuża u emozzjonali, il-frażi li kienet f'moħħ kulħadd kienet dik li t-traġedja, għalkemm ikkawżat ħsara konsiderevoli, setgħet ġiet agħar.

In-nar, li rriżulta minn *short circuit* elettriku, qered għal kollox is-siparju tal-palk, l-*iscreen* taċ-ċinema, parti mis-suffitt u s-saqaf tas-sala u l-ewwel ringieli ta' siġġijiet. Il-ħsara, li għadha qed tiġi kkalkulata, hija stmata li tinvolvi eluf kbar ta' liri, speċjalment jekk is-sistema tas-*sound dolby surround* ikollha tiġi mibdula flimkien mas-sistema elettrika tas-sala u l-palk. L-inċident, li fih fortunatament ma weġġa' ħadd, seta' jeqred għal kollox it-teatru li ma kienx għall-intervent immedjat tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u tal-Pulizija t'Għawdex.



Il-kumitat tat-tmexxija tat-Teatru Astra irid jirringrazzja pubblikament lill-ufficcjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u tal-Pulizija t'Għawdex, speċjalment id-Direttur Peter Cordina u s-Supretendent Joseph Valletta, ta' l-amministrazzjoni effiċjenti u effettiva tas-sitwazzjoni. L-intervent f'waqtu tagħhom u l-mod ta' kif ħadmu kienu strumentali sabiex jissalva l-bqija tat-teatru u biex jiġi evitat li jkun hemm min iweġġa'.

Il-kumitat tat-tmexxija jixtieq ukoll jirringrazzja lill-membri parlamentari Għawdxin, fosthom l-*Ispeaker* tal-Kamra, Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, Frederick Azzopardi u Dr Justyne Caruana illi żaru t-teatru s-Sibt filgħodu stess f'ġest ferm apprezzat mill-kumitat, kif ukoll lill-Onor Prim Ministru Dr Eddie Fenech Adami li wkoll sab il-ħin biex jara l-ħsara iktar tard filgħaxija.

In-nar u d-duħħan li qerdu parti sostanzjali ta' teatru li ilu 35 sena joffri spettakli ta' kwalita', ma qerdux Iżda r-rieda u l-kuraġġ tal-kumitat tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella. It-Teatru issa irid jimxi 'l quddiem daqs qatt qabel. Bħala miżura temporanja, is-saqaf tgħatta bil-plastik sakemm twaħħlu l-pjanċi ta' l-aluminju u b'hekk ma daħalx ebda ilma tax-xita.

Bħalissa, waqt li qiegħdin isiru stimi tax-xogħlijiet neċessarji, it-Teatru għaddej bi preparazzjoni sħiħa għal pjan ta' xogħlijiet ta' restawr.

Mingħajr ebda dubju, bħalissa tinħass ħafna l-ħtieġa ta' għajnuna mingħand dawk li jistgħu jgħinu lis-Soċjeta', li bħala organiżżazzjoni volontarja ma tistax tkopri l-ispejjez kollha meħtieġa sabiex it-Teatru jerġa' lura għal li kien. Il-fażi ta' rikostruzzjoni u restawr hija mistennija li tieħu madwar sena iżda madankollu ebda attivita' ippjanata li sseħħ hemmhekk ma ġiet ikkanċellata. It-Teatru Astra irid jirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jgħinu, speċjalment lis-soċji, il-bandisti u l-partitarji, flimkien ma' awtoritajiet, professjonisti, organiżżazzjonijiet, artisti u oħrajn iżda fl-istess ħin irid jappella għal iktar għajnuna, speċjalment dik finanzjarja.



Għal dan il-għan, is-Soċjeta' Filarmonika La Stella waqqfet dak li qed issejjaħ 'Fond għar-Restawr tat-Teatru Astra' fejn qed jitpoġġew għotjiet finanzjarji li ngħataw s'issa. Infetħu erba' kontijiet bankarji abbinati ma' dan il-fond, fl-erba' banek ewlenin, fejn dak li jkun jista' jagħti d-donazzjoni tiegħu. Id-dettalji tal-kontijiet bankarji huma dawn: BOV 40012978957, APS 200012848-9, LOMBARD 0144064006701, u HSBC 071088801051. L-għotjiet jistgħu jintbagħtu wkoll permezz ta' ċekk, miktub lis-'Socjeta' Filarmonika La Stella', u mibgħut hekk: "Fond għar-Restawr tat-Teatru Astra", c/o Teatru Astra, 9 Triq ir-Repubblika, Victoria VCT 103. Kull kontribuzzjoni ser tiġi reġistrata. Kontribuzzjonijiet ta' iktar minn Lm100 jiġu nklużi fl-iskema tal-'Ħbieb tat-Teatru Astra' li ġiet imnedija f'din l-okkażżjoni.

It-Teatru Astra jixtieq li jkun jista' jerġa' jagħti l-użu u s-servizzi tiegħu mill-ġdid lill-udjenza tiegħu, kemm jista' jkun malajr. Madankollu, ma jistax ikun li jġorr dan il-piż waħdu. Hemm bżonn ta' l-għajnuna ta' kull tip, speċjalment dik finanzjarja, sabiex dan il-ġojjell jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid. Għalhekk, qiegħed isir appell lil dawk kollha li jistgħu jingħaqdu mal-lista diġa' twila ta' kontributuri u joffru ftit mill-ħin, enerġija, dedikazzjoni, materjal jew flus tagħhom. It-Teatru Astra jirringrazzjakom bil-quddiem.

**■ *Marion Zammit***

# Ir-Relikwija tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ M.

Dun Ġużepp Gauci

**Daħla**
Ir-relikwiji tal-Martri, sa mill-ewwel sekli tal-Kristjneżmu, ngħataw qima kbira mill-insara. Fuqhom inbnew knejjes u madwarhom kienu jsiru laqgħat ta' talb u ċelebrazzjonijiet qaddisa. Il-knejjes lokali ta' kullimkien, sa minn żminijiet antiki kienu jistinkaw biex jiksbu r-relikwiji tal-qaddisin martri biex jesponuhom għall-qima ta' l-insara. Sa minn żminijiet antiki, fil-konsagrazzjoni ta' l-artali tal-knejjes kienu jitqiegħdu r-relikwiji tal-Martri, bil-ħsieb li l-Quddiesa tkun qisha qed tiġi ċelebrata fuq il-"qabar" tagħhom. Ir-relikwiji tal-Martri kienu u għadhom bħala "sagrament", sinjal sensibbli tal-preżenza tal-Martri fost l-insara, li tgħinhom u tinkuraġġihom fl-għixien tax-xhieda nisranija.

**Il-Qorriegħa ta' San Ġorġ**
Il-qabar ta' San Ġorġ f'Lidda, fejn kien trasferit il-ġisem tiegħu f'xi żmien wara l-Martirju f'Nikomedija, elf u seba' mitt sena ilu, sar Iċ-ċentru ta' qima u l-punt ta' tluq tal-kult kbir mogħti lil San Ġorġ matul is-sekli kollha. Matul l-invażjoni Persjana, jew ftit wara, mal-miġja tal-Musulmani fil-Palestina, ir-Relikwiji ta' San Ġorġ ġew trasferiti lejn ħafna pajjiżi oħra. Biżżejjed insemmu lil San Girgor, Isqof ta' Tours, li miet fl-594, li jiftakar fit-translazzjoni tar-relikwiji ta' San Ġorġ Martri, f'Limoges u f'Le Mans.

Il-Papa Grieg San Żakkarija, matul il-Pontifikat tiegħu bejn is-741 u s-752, sab fil-palazz tal-Lateran f'Ruma, senduq żgħir b'kitba griega fuqu li tgħid li fih kien hemm ir-ras ta' San Ġorġ Martri. Dan il-Papa ddeċieda li hu stess jieħu din ir-Relikwija fil-Bażilika ta' San Ġorġ, imsejħa "al Velabro", f'Ruma, fejn għadha meqjuma sa llum. Maż-żmien, fil-bidu tas-seklu 17, parti minnha ġiet trasferita fil-Katidral dedikat lil San Ġorġ Martri, Ferrara.

Fl-1976, il-Professur Fiorenzo Facchini, ta' l-Istitut ta' l-Antropoloġija fl-Universita' ta' Bologna, fuq inizjattiva ta' Mons Dante Balboni, tal-Bibblioteca Vaticana, ta bidu għal studju xjentifiku dwar ir-relikwija ta' San Ġorġ li hemm fil-Velabro, flimkien ma' oħrajn ta' l-istess Qaddis Martri li hemm Ferrara, Como u Venezja, u sentejn wara, fl-1978, wasal għall-konklużjoni ċerta li huma kollha ta' l-istess ġuvni ta' eta' bejn it-18 u l-20 sena li għex fi tmiem is-Seklu 3 u l-bidu tas-Seklu 4.

F'Lulju ta' l-1984, meta fil-Bażilika tagħna fakkarna is-Sbatax-il Ċentinarju mit-Twelid ta' San Ġorġ Martri, kellna x-xorti nilqgħu fostna din ir-relikwija nsinji tal-qorriegħa tal-Qaddis Protettur tagħna. Din is-sena 2003, għal darb'oħra, fl-okkażjoni tat-Tifkira Solenni tas-Sbatax-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ reġa' kellna



x-xorti li nilqgħu fostna għal darb'oħra din ir-relikwini li l-qagħda tagħha fostna, ġiet imżejna bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja mill-Penitenzerija Apostolika ta' Ruma, bil-kunsens tal-Papa Gwanni Pawli II. Il-għan ta' dan kollu, kif inkiteb fir-reskritt tal-Penitenzerija Apostolika, kien li quddiem ir-relikwija għażiża ta' San Ġorġ Martri li ta xhieda għal Kristu bit-tixrid ta' demmu, aħna nħossu l-ħtieġa li nitqawwew fil-fidi, nissaħħu fit-tama u nkattru l-imħabba tagħna.

**X'sar biex ġiet ir-Relikwija**
Malli ġie deċiż li jsiru festi speċjali biex jitfakkar is-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ, dritt tnissel il-ħsieb li tinġieb minn Ruma r-Relikwija tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ Martri. L-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia wera din ix-xewqa lill-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, u dan, filwaqt li laqa' bil-ferħ xewqa bħal din, fit-30 ta' April 2003, kiteb lill-Em. T. il-Kardinal Camillo Ruini, Vigarju ta' Ruma, u għamillu t-talba dwar iż-żjara f'Għawdex tar-Relikwija ta' San Ġorġ. Il-Kardinal Camillo Ruini, b'ittra tas-7 ta' Mejju 2003, iffirmata minnu stess, mall-ewwel ta tweġiba affermattiva lil Mons Isqof Nikol Cauchi: *"ben volentieri concedero' che la reliquia possa visitare la Sua diocesi nel XVII anniversario del martirio di S, Giorgio, protettore dei gozitani e patrono della citta' di Gozo."*

Sadattant, il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fil-Vatikan, mgħarrfa b'din id-deċiżjoni, ħarġet digriet bid-data tat-13 ta' Ġunju 2003, iffirmat mill-Prefett, il-Kardinal Guzeppi Saraiva Martins, u s-Segretarju, l-Arċisqof Titulari, Edwardu Nowak, li bih ordnat li r-Relikwija tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ meqjuma fil-Bażilika tal-Velabro f'Ruma, tittieħed f'Għawdex bejn il-15 u l-20 ta' Lulju 2003, għall-qima tal-fidili nsara. L-istess Kongregazzjoni ordnat li matul din iż-żjara jitħarsu l-odnijiet mogħtijin fl-Istruzzjoni maħruġa fit-18 ta' Ġunju 2003.

F'din l-Istruzzjoni ġie mfisser il-mod kif ir-Relikwija tittieħed mill-post tal-qima tagħha fil-Bażilika tal-Velabro, jiġu identifikati s-siġilli tagħha, u tingħata lil min kellu jwassalha Għawdex. F'Għawdex ir-Relikwija kellha tingħata lill-Isqof Djoċesan biex, personalment jew permezz tad-delegat tiegħu, titwassal proċessjonalment sal-Bażilika ta' San Ġorġ Martri. Fi tmiem iż-żjara tar-Relikwija f'Għawdex kellha tingħata relazzjoni bil-miktub dwar dak li jkun sar matul Iż-żjara u r-Relikwija tinġieb lura fil-Bażilika tal-Velabro.

Fil-11 ta' Lulju 2003, it-Tribunal Djoċesan tal-Vigarjat ta' Ruma, rappreżentat mill-Imħallef Delegat, Mons Gianfanco Bella, mill-Promutur tal-Ġustizzja, Don Giuseppe D'Alonzo, min-Nutar, il-Kav. Giuseppe Gobbi u mill-operatur Tekniku, il-Kav. Nicolino Casu, iltaqgħu ma' Dun Ġużepp Gauci fil-Bażilika tal-Velabro, quddiem ir-Rettur P. Notelaers u tawh ir-Relikwija. Sadattant, Dun Ġużepp Gauci, fuq suġġeriment ta' l-Arċipriet Mons. Ġ. Farrugia, ġie maħtur mill-Kardinal Ruini "Custode e Portitore" tar-Relikwija fil-vjaġġ tagħha lejn Għawdex. Dun Ġużepp ħa l-ġurament quddiem dan it-Tribunal, stqarr li ser

*ikompli f'paġna 6*



# RIFLESSJONIJIET MADWAR IL-PRESEPJU

Mons. Salv Borg

[illegible] ngħidu, li dan il-Presepju daħal fid-djar tal-familji nsara kollha u rebaħ il-ġlieda li għamel kontrih iż-żmien u d-drawwiet materjalistiċi li ġab miegħu.

Il-familja kienet issib il-għaxqa tagħha madwar il-presepju: għajnejn it-tfal jilmaw bil-ferħ, filwaqt li l-għajnejn ta' nies anzjani kienu jimtlew bid-dmugħ jaħraq li jġelben ma' ħaddejhom, hekk kif jiftakru l-ferħ u s-seħer li kienu jħossu huma tant u tant snin qabel.

Jum minnhom, filwaqt li ntasabt bil-qegħda ħdejn il-Presepju li kien għamilli n-nannu Vitor, qbadt f'idejja notebook, ħaġa li dejjem inġorra miegħi, u fettilli nintervista xi persunaġġi minn dawk li kont qed nara quddiemi f'dak il-Presepju

L-ewwel li tfaċċa quddiem għajnejja kien sid il-lukanda. X'ħassejt meta tfaċċaw quddiemek Marija u Ġużeppi? Kont lest li taghtihom kenn taħt is-saqaf tal-lukanda tiegħek?

"Ara", qal tal-lukanda, "kieku kien baqgħali kamra waħda, lanqas kont naghtihielhom. Dawn huma mies li jġagħluk taħseb ħażin. Ir-raġel qal , li l-mara li kellu miegħu kienet martu. Mur emmen! Mela aħna twelidna l-bieraħ u ma natuhiex id-dinja? Imbagħad, kieku kienu lebsin tajjeb u kellhom il-flus, kont nara x'nagħmel u nirranġalhom kamra: kont nibgħat wieħed mill-qaddejja tiegħi d-dar u kont naghtihom il-kamra tiegħu. Għall-flus tagħmel kollox! Iżda minn dak li semmejt ma kellhom xejn. Il-libsa li kellhom fuqhom kif ukoll il-mantar li kellu kien jidher li għamel żmienu sewwa. Imbagħad, kieku daħħalthom għandi, kien hemm il-periklu li dawk in-nies li għandi fil-lukanda kienu jiddejjqu bl-għajjat tagħha meta tiġi biex teħles u bit-twerżiq tat-tarbija. Mela għamilt tajjeb li bghatthom 'il barra!"

## L-Għar

Għajnejja waqgħu fuq il-Għar li kien hemm fuq in-naħa tal-lemin tal-presepju. Xtaqt li anke lill-għar nagħmillu xi mistoqsijiet! X'kien li aċċettajt li jidħlu jsibu kenn ġewwa fik?

"X'ridtni nagħmel? .. .. .. Ilhaqt għidt iva, għalkemm kważi kważi jiddispjaċini .. .. .. Imma fil-lukanda ma riduhomx u dehru li ma kienux jafu x'ser jaqbdu jagħmlu. Tabilħaqq jiena deher li kelli nċedi, u ċedejt għax ħennejt għaliha, speċjalment meta rajt dak il-wiċċ umli tagħha, b'dawk l-għajnejn ta' waħda li donnha kienet ġejja minn xi dinja aħjar minn dik tagħna. Jiena naħseb li f'qalbha għandha xi sigriet, u meta rajtha daqshekk innoċenti, daqshekk safja, għidt li dik mhux se twelled daqshekk malajr bħalma hija kienet qed taħseb. . .. .. .. ..

Iva, għax tgħidu ma kellix il-kuraġġ li nghidilha le u nibgħatha 'l barra f'dak id-dlam tal-lejl u f'dak l-istat. Jista' jkun li għamilt ħażin, iżda ma kellix triq oħra x'nagħżel. Iżda arahom ftit: qegħdin it-tnejn bilqegħda kollha siekta: donnhom qed jitolbu, għalkemm lanqas ma huma qegħdin iċaqilqu xufftejhom . Forsi min jaf, kienu qegħdin jistennew xi miraklu!"

## Ragħaj li baqa' lura

Hekk kif ħallejt il-ħarsa tiegħi timraħ, għajnejja straħu fuq wieħed ragħaj, ........... ragħaj li fil-fehma tiegħi kien baqa' xi ftit lura. Minn shabu l-oħra, li kienu għoddhom waslu ħdejn l-għar. Ħabib, staqsejtu, x'jidhirlek mill-atteġġjament ta' shabek ir-rgħajja l-oħra ?

"Kos, dawn shabi x'għaġġla kellhom: hekk kif kellmuhom dawk iż-żgħażagħ mhux magħrufa, qabdu u telqu! Veru li jien, għax ixjeħ minnhom, ma nistax niġri bħalhom, iżda għandi favur tiegħi li naf id-dinja aħjar minnhom. Iżda min setgħu kienu dawk iż-żgħażagħ kollhom dawl? Jiena qatt ma rajt bħalhom f'ħajti. Naħseb li huma xi barranin, u fil-barranin ma tridx tafda wisq. Shabi messhom staqsew min huma u mhux hekk kif kellmuhom, taru u marru fejn qalulhom huma .. .. .. ..

Ngħid il-verita', dawn iż-żgħażagħ lanqas donnhom huma bħall-oħrajn u bħalna. Rawhom kollha mdawwlin f'wiċċhom u fi ħwejjiġhom, dawl li lanqas deher minn fejn ġej .. .. .. Meta rawhom baqgħu b'ħalqhom miftuħ u xorbu kull ma qalulhom".

U x'qalulhom? - staqsejtu jien mill-ġdid.

" Qalulhom li fil-grotta kien twieled sultan! Tajba din, mela s-slaten jitwieldu fl-għerien? Dawn jitwieldu fil-palazzi u mhux fl-għerien, li huma stalel ta' l-annimali u kollha ħmieġ. U qalulhom li dan is-sultan hu nisel ta' David, u Iben Alla! Ħallina minnhom, sa fejn naf jien l-Adonaj tagħna ma għadux ulied: hu l-Mulej il-waħdieni, hallieq tas-sema u ta' l-art u ma hemmx ieħor għajru!"

Il-kurżita' komplit tagħmel bija, u meta bdejt nimraħ sabiex nara lil min stajt nintervista aktar, tfaċċat quddiemi waħda mara, imbaċċa imbaċċa, bil-kmiem tal-blaws tagħha imxammrin fuq idejha. Staqsejt wieħed mr-rgħajja dik min kienet, u dan, bla ebda tlaqliq qalli: dik il-Qabla.

## Il-qabla

Għamilt il-kuraġġ, ersaqt lejha, sellimtilha u staqsejtha: Int kif sibt ruħek imdaħħla fl-istorja ta' dan il-presepju?

"Tajba din! Kienu ġew iqajmuni fl-eqqel tal-lejl, u ma kellhomx bżonni! Kien ġie r-raġel. Ħabbatli l-bieb, u nghidlek il-veru, jiena ma ridtx indaħħlu ġewwa. Hu nsista biex inqum minn soddti, għax qalli li martu kienet waslet u ma għandha 'l ħadd min jassistiha. Belha li jien, qomt u mort miegħu! Minn għalija kien ser jeħodni f'xi dar, jew almenu f'xi lukanda, u mhux f'għar ta' l-annimali barra mill-belt u nofsu mwaqqa'? Lanqas ridt nidħol; jiena m'inhix imdorrija nidħol f'dawn il-postijiet. Il-klijenti tiegħi huma kollha nies puliti u tal-flus, l-aħjar nies ta' Betlehem. Jiena għidt bejni u bejn ruħu: jekk tinsab f'post bħal dan, sinjal li hi maħruba, li ġiet hawnhekk biex ħadd ma jkun jaf xi ġralha.

B'danakollu għamilt il-kuraġġ u dħalt. Għidt forsi naqla' xi ħaġa, għalkemm



ikompli f'paġna 6

jaqbad minn paġna 5

## RIFLESSJONIJIET MADWAR IL-PRESEPJU

[illegible] siekta, daqs kieku ma kien ġara xejn. U t-tarbija li twieldet minnha, kienet mimduda fuq ftit tiben, sabiħa, u meta dħalt ħdejha qisha riedet tkellimni bil-mod ta' kif bdiet tħares lejja. U l-post kien kollu mdawwal bid-dawl li beda ħiereġ minnha.

Imma bdejt nistaqsi lili nnifsi, għaliex ħarġuni minn dari, kont rieqda tant tajjeb, meta kollox mar sew? Frattant bdejt nosserva lir-raġel u lill-mara jħarsu lejn xulxin u ma jitkellmux. Fl-aħħar kelli nkun naf li hi ħelset mingħajr l-ebda tbatija, mingħajr uġiegħ u waħidha, waqt li seħibha kien ġie għandi! Hemm ma stajtx inżomm ir-rabja tiegħi, u żvogajt mal-wieħed u ma' l-oħra. Iżda l-mara ma wieġbet xejn u kollha mistagħġba baqgħet tħares lejja u titbissimli, biex bħal speċi tikkalmani.

Kemm ilni naħdem f'dan ix-xogħol qatt ma naf li mara ħelset hekk malajr, mingħajr uġiegħ u bla għajnuna ta' ħadd. Imma dak li l-aktar għaġġibni kienet il-ħarsa tat-tarbija lejja, daqs li kieku kienet xi waħda kbira!"

#### Il-Gendus

Eżatt wara t-Tarbija, ilmaħt gendus. Jiena ngħid il-veru nibża' mill-annimali ta' dan it-tip. Iżda għamilt il-kuraġġ, u filwaqt li nkiss inkiss ersaqt lejn dan il-gendus, taptaptlu fuq dahru u staqsejtu x'parti kien lagħab fid-dramm tat-twelid ta' Ġesù Bambin. Għolla għajn waħda lejja, u filwaqt li nefaħ tnejn qalli: "Min tahom il-permess biex jidħlu hawn? Hija l-ewwel darba li qed narahom hawn! U x'qed nara? Qed nara tarbija għadha titwieled. U xi ħlewwa f'dan it-tfajjel! F'ħajti kollha qatt ma rajt wieħed bħalu. La tisimgħu jibki, la jgħajjat, la jorqod .. .. .. Għajnejh, imbagħad, kbar ċari bħas-sema ta' April .. .. .. .. Donnu xi alla ċkejken, li ġie jżur id-dinja. U kif fettillu jidħol f'dan il-għar mudlam u maħmuġ? Minnu ħiereġ dawl li jsaħħan u kollu mħabba. Safejn naf jien, it-tfal l-oħra ma jkunux hekk meta jitwieldu. Il-ħin kollu jitbissem, donnu jrid jitkellem. Il-ħin kollu jħares lejja u mhux qed jibża', anzi donnu jrid jgħidli xi kelma li jfarraġni. Għalhekk inħoss li għandi nagħmel xi ħaġa għalih. Iżda x'nista' nagħmillu? Ara nfittex li nsaħħnu bin-nifs tiegħi, u għalkemm jiena annimal, nagħmel kuraġġ u nersaq lejh"

#### Il-Ħmara

Ħdejn il-gendus kien hemm daqsxejn ta' ħmara. Niexfa niexfa, b'dawk il-par widnejn weqfin tagħha, b'denbha jitbandal 'l hawn u 'l hemm. Tħares fil-vojt. Taptaptilha fuq spallejha, ressaqt fommi ma' widnejja, u għidtilha: Issa, int, ħmara bħalek, għalfejn iżżattat dħalt f'dan il-kwadru l-ġmiel tiegħu tat-twelid ta' Ġesù Tarbija ?

"Imbierek Alla, kemm ħwejjeġ tal-għaġeb kelli nara f'ħajti. Dawl sabiħ, donnu nieżel mis-sema, u mara l-aktar sabiħa, wisq izjed min-nisa l-oħra. M'inħix xi waħda sentimentali, jew xi superstizzjuża bħal sidi, b'danakollu nħoss ix-xewqa li ninżel għarkobtejja bħal dawn ir-rgħajja li ġew jiġru hawn daqs kieku ser jiltaqgħu ma' l-istess Alla!

Jiena mort bnadijiet oħra: darba sa wasalt Damasku, u sitt darbiet terraqt f'Ġerusalemm, iżda qatt ma niftakar li rajt ħaġa bħal din li qed nara issa: hawn donni nħossni ħienja bħal qatt qabel. Dil-mara sabiħa, li naraha tħares b'dik il-ħarsa tagħha lejn dik it-tarbija, frott ta' ġufha, tgħaxxaqni u tgħaxxaqni ħafna.

U xi ngħidu għall-bniedem li hemm ħdejha, li ma jiqafx iħares lejha u lejn it-tarbija. U dawk ir-rgħajja wiċċhom aktar aħmar bil-ferħ milli bid-dawl tal-musbieħ li hawn fil-għar. U dik il-ħlejqa ħelwa mimduda fil-maxtura li qegħda tħares lejn kulħadd, donnha trid tiġbed lil kulħadd għal qalbha: din ma tistax tkun bħat-trabi l-oħra. Veru hu li r-rgħajja smajthom jgħidu li l-anġli ħabbrulhom li kien twieled l-Iben ta' Alla. Għax tgħid, aktar ma nħares lejn din it-tarbija, aktar donni qed inħoss li tassew ġara hekk. Għax il-bnedmin ma għandhomx dawk il-għajnejn li minnhom ħiereġ dawl bħal dak li qed nara.

U x'xorti kelli, li għalkemm annimal, iddisprezzata minn kulħadd, b'dana kollu rajtha titwieled. Tabilħaqq hawn xi misteru, li ried jitwieled fi stalla, fejn ngħammru aħna. Jiena biss inħoss il-kuraġġ li nkellimha: Ċkejkna tarbija, għalkemm jiena l-aħħar fost l-annimali kollha, tibgħatnix 'il barra u ppermettili li fik jiena nħobb lil Dak li darba ħalaq lili .. .. .. .. .. "

Harist lejn in-notebook li kelli f'idejja, u rajt li kont ktibt diversi paġni tiegħu, b'dawn l-intervisti li kien irnexxieli nagħmel. Veru, ma lħaqt kellimt lil kulħadd: imma jidhirli li b'dak li ġbart għandi ħjiel ferm ikbar u aħjar milli kelli qabel. Baqa' iżjed persunaġġi, u iżjed affarijiet lil min nintervista, iżda dawn inħallihom għal darba oħra.

jaqbad minn paġna 4

## Ir-Relikwija tal-Qorriegħa ta' San Ġorġ M.

jagħmel ħiltu kollha biex iwettaq kif jixraq l-uffiċċju mogħti lilu u wera ruħu tassew onorat li kellu x-xorti jwettaq din il-ħidma b'relazzjoni mar-Relikwija ta' San Ġorġ Martri. Nafu wkoll li b'digriet tad-9 ta' Ġunju 2003, il-Penitenzerija Apostolika tat l-Indulġenza Plenarja lil min iqim ir-Relikwija fil-jiem tal-Festa ta' San Ġorġ f'Għawdex.

X'sar mir-Relikwija mal-wasla tagħha f'Għawdex u matul il-jiem tal-Festa, nafuh sewwa. Kien hemm żjara bir-Relikwija fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex u f'diversi istituti Reliġjużi u Djar ta' l-Anzjani, u anke fi djar ta' morda li wrew xewqithom li jqimu r-Relikwija ta' San Ġorġ. Żgur li dawn iż-żjarat flim kien ma' tant oħrajn li saru lir-Relikwija fil-Bażilika, kienu l-kawża ta' ħafna grazzji mxerrdin minn San Ġorġ Martri fuq dawk li resqu jqimuh u jitolbuh bil-fidi. Ir-Relikwija ttieħdet lura lejn il-Bażilika tal-Velabro minn Mons Arċipriet Ġużeppi Farrugia, nhar l-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2003.

#### Għeluq

Fil-ġurnali kien hemm min ipprova joħloq paragun li ma jgħoddx, bejn il-miġja tar-Relikwija ta' San Ġorġ u l-miġja tar-Relikwiji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Paragun odjuz ta' din il-kwalita' mhux ta' min jagħtih importanza. Iżda jien li kont responsabbli mill-miġja tar-Relikwija ta' San Ġorġ minn Ruma u li ħadtha ħdejn ħafna morda, u li fl-istess ħin kont preżenti għal xi manifestazzjonijiet li saru waqt il-miġja tar-Relikwiji ta' Santa Tereżina, nista' intenni li t-tnejn ġew milqugħa bil-fidi u bl-imħabba, u anke fiż-żewġ każijiet b'xi dmugħ fl-għajnejn minn dawk kollha li kellhom ix-xorti jersqu lejhom bil-qima.

Kien hemm ukoll xi kittieba li wrew ruħhom xettiċi dwar ir-relikwiji ta' dawn il-Qaddisin. Is-serjeta' li biha, kif rajna fil-każ tar-Relikwija ta' San Ġorġ Martri, il-Knisja tqimhom u tħarishom, għandha tkun tagħlima f'waqtha għal nies bħal dawn. Fuq kollox, jalla l-qaddisin jgħinuna nibqgħu fidili għal Kristu u għall-Knisja tiegħu.

# Rokna għat-Tfal



Għeżież Tfal,
Kif intom?

Dħalna fil-ħarifa u f'inqas minn xahar ieħor inkunu qbadna x-xitwa wkoll. Kollox jgħaddi u wara l-vaganzi tas-sajf, kulħadd żgur li għamel ħiltu biex mill-ġdid jaqbad ir-rutina tax-xogħol. Dan japplika wkoll għalikom u jien ċert li intom ukoll bdejtu tistudjaw u tlaħħqu ma' dak kollu li jkollkom fit-timetable ta' kull ġurnata.

Issa għaddew ukoll il-festi għeżież tal-Qaddisin Kollha, ta' l-Erwieħ u anke l-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. La qed insemmu l-festa tal-Kunċizzjoni, tajjeb li minn hawnhekk nifirħu lill-Patri Michael Attard li reġa' nħatar Gwardjan u nsellmu lil Fra Ċens li issa mar fil-Kunvent li l-Patrijiet għandhom f'San Pawl il-Baħar. Nilqgħu fostna wkoll lill-Patri Ruġġieru u nifirħu lill-Patri Alfred Calleja li reġa ġie kkonfermat Provinċjal.

Intant għajnejna issa nibdew nitfgħuhom ukoll fuq il-jiem sbieħ u għeżież li bilmod il-mod jibdew iressquna lejn il-ġrajja tal-Milied, it-tifkira tat-Twelid ta' Ġesù Tarbija fl-għar ta' Betlehem. Bla dubju tkun ħaġa sabieħa li intom lkoll issibu ħin biex tattendu għan-Novena tal-Milied li ta' kull sena tħejji għalikom il-Parroċċa tagħna. B'hekk biss inkunu qed nippreparaw bis-serjeta' biex it-Tarbija Divina tkun tista' titwieled fil-qalb tagħna. U tinsewx, tfal, ma tistgħux tgħaddu Milied veru jekk id-dar ma jkollkomx il-Presepju. Sewwa li tarmaw id-dar bit-tiżjin, tixtru r-rigali u tieklu ħelu bl-abbundanza, iżda qabel dawn kollha tiġi dik id-daqsxejn ta' grotta bil-Bambin imdawwar b'San Ġużepp u l-Madonna, flimkien mal-baqra u l-ħmara.

Jien qatt ma tliftha l-quddiesa ta' nofs il-lejl u naħseb intom ukoll tagħmlu l-almu tagħkom biex tkunu preżenti u tisimgħu lil xi ħadd minn sħabkom jagħmel il-priedka tal-Milied. Naħseb li bħali wkoll ħafna minnkom jieħdu gost jaraw il-Purċissjoni bil-Bambin li jorganizżaw tal-Museum lejlet il-Milied.

Taraw, għeżież tfal, li bilmod dalwaqt tħallina s-sena 2003. Importanti li tagħtu ħarsa lura biex taraw x'akkwistajtu matul din is-sena li kienet tant importanti għall-Parroċċa tagħna, għax matulha ċċelebrajna is-17-il mitt sena mill-Martirju ta' San Ġorġ.

Nittama li permezz ta' din il-paġna komplejna kabbarna l-ħbiberija tagħna y għallimna minn xulxin.

Ħalli issa ngħaddu għall-Kompetizzjoni. Ktieb sabieħ bil-Malti, ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Te. No. 2155 1325) jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb dawn il-mistoqsijiet u jibgħatuhom lill-**Editur, Il-Belt Victoria, Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria mhux aktar tard mis-16 ta' Jannar 2004.**

***Il-Mistoqsijiet huma dawn:***

1. Min hu dak il-Qaddis li għamel l-ewwel Presepju?
2. X'jismu l-post fl-Italja fejn jingħad li sar l-ewwel Presepju?
3. Fejn jinsab f'Għawdex il-Presepju ta' Bastjan?
4. F'liema knisja f'Ruma għadna nsibu l-fdal tal-maxtura ta' Ġesù Bambin?

Saħħa tfal. *Iz-Ziju Peppi*

# IL-MILIED MAGĦNA



*Poeżija tal-***Kav. Joe M. Attard**

Ma 'ttinix li l-Milied jgħaddi
bla ma nħażżeż poeżija:
din il-ġrajja lili tfawwar
bl-hena, b'ferħ u bl-armonija.

Ta' kull sena aħna nfakkru
lil Ġesù ċkejken tarbija
illi twieled fl-għar ta' Betlem
kemm għalik u kemm għalija.

Min jaf x'kesħa kienet nieżla!
Min jaf kemm xita u bard,
sakemm għad-dawl għajnejh fetaħ
is-Sultan tas-sema w l-art!

Le ma twieled f'xi dar komda
imdawwar b'xi ħafna ħbieb;
kien dlam sfiq taqtgħu b'sikkina
bogħod mill-għagħa ta' l-ibliet.

Iżda kif Marija welldet
lil Ġesù ċkejken tarbija
is-smewwiet imtlew bil-għana
u d-dlam inbidel f'dija.

Qtajja t'anġli ttajru hienja,
għanjiet sbieħ bdew ikantaw:
twieled f'Betlem l-Iben t'Alla-
ejjew lilu naduraw.

Lilkom dan għad irid jeħles
mill-irbit minn tax-xitan.
Lilkom jgħaqqad, u tal-firda
dlonk Igarraf il-ħitan.

L-għar kien għeri, mudlam, kiesaħ
għajr għan-nifs ta' baqra w ħmar;
iżda min qatt seta' jbassar
dak il-għaġeb li kien sar!

Wara ftit bdew jaslu r-ragħajja
l'għassa kienu mal-merħliet,
u l-grotta mtliet bil-ħlejjaq
kif l-aħbar it-tajba ġriet.

Jalla dik l-aħbar sabiħa
tibqa' dieħla fid-djar tagħna-
tferraħ, tfejjaq, iġġib l-għaqda
u għal dejjem tgħammar magħna!

# Imut il-Kardinal Ursi

## Mistieden Speċjali fil-Festi Ċentinarji Ġorġjani tal-1984



Madwar 3000 persuna nġabru fil-Bażilika ta' l-Inkurunazzjoni fuq l-għojla ta' Capodimonte f'Napli nhar il-31 t'Awissu li għadda għall-funeral tal-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof Emeritu tant ammirat ta' Napli, li miet fid-29 t'Awissu 2003 fl-eta' ta' 95 sena. Il-Kardinal Camillo Ruini, president tal-Konferenza Episkopali Taljana, irrapreżenta lill-Papa fil-Quddiesa tal-funeral u kkonċelebra flimkien mal-Kardinal Michele Giordano, l-Arċisqof attwali ta' Napli, u 22 isqof.

Imwieled qrib Bari fl-1908, Corrado Ursi ġie ordnat saċerdot fl-1931 u mexxa l-Arċidjoċesi ta' Napli mill-1966 sa l-1987, perijodu diffiċli għall-Knisja f'dik il-Belt, iżda fl-istess ħin ta' riforma u aġġornament konċiljari. Il-Papa Pawlu VI għamlu Kardinal fil-Konċistorju ta' l-1967.

Jixraq li minn din ir-rivista tal-Parroċċa nsellmu lill-Kardinal Ursi waqt li niftakru fiż-żjara memorabbli li għamel fostna biex jippresiedi t-Translazzjoni Solenni u l-Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni ta' l-ewwel miġja fostna mill-Bażilika tal-Valabro tar-Relikwija Insinji ta' San Ġorġ. Din il-ġrajja meraviljuża li seħħet fl-1984 hija mfakkra f'lapida monumentali li tinsab fil-kappella ta' Santa Katerina tal-Bażilika Ġorġjana.

Hekk kif waslet l-aħbar tal-mewt tal-Kardinal Ursi fil-Bażilika sar talb b'suffraġju tiegħu. L-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia, li kien strumentali sabiex il-Kardinal Ursi seta' jiġi fostna, ikkomunika ma' Mons Ugo Dovere, kollaboratur mill-qrib tal-Kardinal, u ħabib tagħna, biex iwassallu l-kondoljanzi u jgħarrfu bit-talb tal-Komunita' Parrokkjali tagħna.

***Geoffrey G. Attard***

# MEDITERRANEA 2003
# EDIZZJONI OĦRA TA' SUĊĊESS

Kienet edizzjoni oħra suċċess dik ta' *Mediterranea 2003* li dewqet lill-viżitatur ftit minn dak kollu li joffri Għawdex u l-kultura tiegħu.

Il-programm għal din is-sena kien jikkonsisti f'għaxart ijiem mimlija attivita' li tvarja minn mużika, arti, snajja', storja sa ikel tradizzjonali. L-ewwel jumejn, jiġifieri l-Ħamis 30 u l-Ġimgħa 31 t'Ottubru, kienu jinkludu żjajjar madwar Għawdex fejn dak li jkun seta' jitgħallem iktar dwar Għawdex minn lenti differenti. Il-Ħamis, iż-żjara kienet madwar il-Belt Victoria u l-Kastell fejn dak li jkun seta' jammira l-isqaqien, il-ħariet u t-toroq dojoq tal-kapitali. Il-Ġimgħa mbagħad, iż-żjara ħadet lill-parteċipanti f'mużewijiet differenti kif ukoll għand artiġjana waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom.

Ma setax jonqos l-ingredjent mużikali fl-ewwel jumejn, b'serata ta' mużika barokka Maltija li saret fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru. Hawnhekk, Mro Joseph Vella mexxa lill-*Baroque Ensemble* li akkumpanjaw lis-solisti Maria Frendo, Gillian Zammit, Joseph Mercieca u Antoinette Camilleri li kantaw quddiem knisja mimlija. Oriġinarjament, din is-serata kellha tinkludi siltiet ta' mużika barokka għall-orgni, iżda l-organist Richard Vendome ħassar il-mawra tiegħu lejn Malta minħabba problemi ta' saħħa. Kellu jkun għalhekk l-element kollu Malti li jsalva s-sitwazzjoni billi jżid numru ta' siltiet fl-aħħar minuta u b'hekk noffru serata pjaċevoli lil dawk li kienu se jattendu.

Nhar is-Sibt l-1 ta' Novembru s-siparju tat-Teatru Astra nfetaħ, quddiem sala mimlija, bir-rappreżentazzjoni ta' l-opra tragika *Otello*. Din ir-rappreżentazzjoni ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk preżenti. Kellna s-sehem ta' solisti ta' fama nternazzjonali bħal Daniel Munoz (Otello), Marco Chingari (Lago), Montserrat Obeso (Desdemona), kif ukoll Elena Traversi (Emilia) u Javier Roldan (Ludovico). F'*Otello* kellna wkoll is-sehem ta' tliet solisti Maltin : Joseph Aquilina (Cassio), Anthony Buttigieg (Montano) u Charles Vincenti (Roderigo). Il-Kor *Laudate Pueri* kien, bħas-soltu, il-bażi tal-kor ta' l-opra, mgħejjun minn kantanti oħra minn Malta u mill-Italja, immexxi minn Maria Frendo. Bħala direttur mużikali s-surmast Joseph Vella mexxa lill-Orkestra Nazzjonali filwaqt li Gianpaolo Zennaro ħadem mal-kantanti u l-atturi bħala direttur tal-palk.

Il-Ħadd imbagħad, l-attivita' ewlenija kienet dik imsejħa *A Feast of Maltese Food and Wine* li saret ġewwa Palazzo Palina, Lukanda Ta' Cenc. Dawk li attendew setgħu jieklu kemm jifilħu ikel bnin Malti, mifrux fuq imwejjed differenti. F'ikla tipika Maltija, l-inbid Malti ma jistax jonqos b'għażla sħiħa ta' nbejjed Maltin f'atmosfera tipikament Maltija .. ingredjent li niżel tassew tajjeb f'festa ta' benna Maltija li rat is-sehem tal-grupp tal-folk Astra.

Doża sinifikanti ta' storja, anzi ta' preistorja, ingħatat it-Tnejn, 3 ta' Novembru permezz ta' *lecture* mill-Professur David Trump taħt tinda li ttellgħet apposta qrib it-tempji tal-Ġgantija. Il-Professur Trump tkellem dwar l-arti fiż-żmien preistoriku, fejn ħarġu diversi riflessjonijiet kurjużi. Wara,



il-Professur Trump għamel żjara qasira mat-tempji fejn wera xi dettalji li kien tkellem dwarhom. Il-grupp ETNIKA, taw kunċert hekk kif bdiet nieżla x-xemx. In-noti tal-kitarra, taż-żaqq u l-kant tal-Budaj ħolqu atmosfera rrepetibbli quddiem il-ħaġar impressjonanti li ġarrew 'il-ġganti ta' dari'.

It-Tlieta 4 ta' Novembru mbagħad kien imiss it-tieni attivita' got-Teatru Astra : il-kunċert anwali tal-Banda Ċittadina La Stella. Dakinhar il-Banda, taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur Joseph Vella, daqqet siltiet, ħafna minnhom impenjattivi ferm, li ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti. Is-siltiet li ndaqqu kienu jinkludu xogħol ta' G Rossini : il-preludju għal *William Tell*, kif ukoll xogħol ta' P . Tchaikowsky, *Capriccio Italien*. Dan flimkien mas-silta ta' G Nitiffi, *Magia di Operette*, selezzjoni mill-*Cavalleria Rusticana* ta' P Mascagni, u *Preludio in Sol Minore* tas-surmast Sunny Galea u *Overture Festive Bells* tas-surmast Joseph Vella.

Is-serata ta' l-Erbgħa 5 ta' Novembru kienet iddedikata lil artist Malti ta' fama internazzjonali, Carmine Lauri, f'kunċert tal-vjolin li sar ġewwa s-Sala Mons Giuseppe Farrugia, Bażilika San Gorg. Carmine Lauri kien akkumpanjat mill-pjanist Simon Hester fejn interpretaw xogħlijiet ta' Beethoven, Schubert, Grieg u Gershwin f'kunċert milqugħ tant tajjeb minn dawk preżenti.

Il-Ħamis u l-Ġimgħa mbagħad gew organiżżati żewġ żjajjar oħra, din id-darba madwar xi knejjes f'Għawdex u madwar siti panoramiċi li bihom hi tant mogħnija din il-gżira.

Is-Sibt 8 ta' Novembru, l-aħħar jum tal-festival, tibqa' mniżżla bħala data storika, mhux biss għall-organiżżaturi ta' *Mediterranea 2003* Iżda għall-partitarji kollha ta' l-Istilla u kull min lħobb jew jiffrekwenta t-Teatru Astra. Kien il-jum li fih kellna nagħlqu bil-kbir dan il-festival li tant konna ilna naħdmu għalih.. u għalaqna bil-kbir u kif, b'inċident li seta' kien traġedja! (Ara Paġna 3)

Bħala organiżżaturi hassejna rwieħna demoralizzati għall-aħħar.. ma konniex nafu x'se naqbdu nagħmlu. Kien hemm mijiet ta' nies li kienu diġa' xtraw il-biljetti, ħafna minnhom kienu ser jaqsmu minn Malta apposta. Iżda l-Arċipriet Gużeppi Farrugia nsista magħna li x-xogħol kollu li konna wettaqna ma jisfumax fix-xejn. Għamlilna kuraġġ kbir biex il-kunċert ippjanat jittraserixxi ruħu għall-Bażilika San Ġorġ, u b'hekk il-*Grand Gala Concert* sar xorta waħda, f'serata mimlija emozzjonijiet imħallta. Miriam Cauchi tat eżekuzzjoni tajba ferm, l-istess kif għamlet l-Orkestra Nazzjonali taħt id-direzzjoni tas-surmast Joseph Vella. Kienet serata memorabbli għal kull min attenda.

Iżda dawn l-attivitajiet elenkati hawn fuq ma kienux l-unika attivitajiet tal-festival ta' din is-sena. Anke fit-tieni edizzjoni organizzajna l-*MED Fringe*, b'attivitajiet li nħolqu wara li l-programm prinċipali kien ifformulat, b'taħlita ta' talent lokali u barrani. Fil-*Fringe* festival kellna s-sehem tal-grupp Malti Aleateia, bir-rappreżentazzjoni tagħhom *The Waiting Room*), il-Kor Ingliz St Mary's Choir of Bury St Edmund's bir-rappreżentazzjoni tar-*Requiem* ta' Faure', u l-Kunsill Lokali Nadur b'attivita' marbuta mat-tagħsir taż-żebbuġ. Din is-sena wkoll kellna wirja ta' pittura ta' Austin Camilleri, li kienet iġġib l-isem ta' *Untitled: Works from the Abstract period.*

Kif tistgħu taraw, *Mediterranea 2003* offra għażla mill-iktar wiesa' ta' attivitajiet kulturali li sehħew f'Għawdex. L-iskop ta' *Mediterranea* huwa li joħloq prodott turistiku ta' kwalita' għaliex joffri attivitajiet kulturali ta' kwalita'. Anke f'din l-edizzjoni, ħadna ħsieb l-oriġinalita', il-kreattivita', u l-kwalita' : tlett fatturi li lħaqna tajjeb u ta' hekk għandna sodisfazzjon. Minkejja t-tebgħa li waqgħet fuq l-aħħar attivita', *Mediterranea 2003* kien suċċess kbir.

**Marion Zammit**